kummissjoni djoċesana żgħażagħ

492 flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, HMR 18, M
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.o

"Awguri! Is-Sena it-Tajba!", kienet l-għajta ta' ħafna nies fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu tas-sena l-ġdida. Iżda mhux kull persuna kienet kuntenta dak il-mument. Kien hemm persuni li kienu f'*parties* organizzati u privati illi kemmxu xufftejhom bid-diżappunt, għaliex l-oraganizzazzjoni ta' xi whud minn dawn il-*parties* ma kienetx sodisfaċenti u l-aspettazzjonijiet ta' dawk li marru għalihom ma ntlaħqux.

Biex nibdew fuq nota pożittiva, tajjeb infaħħru l-inizjattiva ta' ħafna *parties* illi fihom ma kienx hemm *open bars*, bħalma s-Sedqa u diversi organizzazzjonijiet oħrajn kienu ilhom jisħqu tul dawn l-aħħar snin. Dan ifisser illi wieħed kien aktar attent kemm jikkonsma alkohol u kemm jonfoq flus. Ta' min ifaħħar ukoll l-inizjattiva f'ċertu *parties* ingħataw flus lura għal *tokens* tax-xorb li ma ġewx użati. Uhud mill-*parties* ħadu wkoll perspettiva oħra fil-gosti tal-mużika billi ma ffukawx biss fuq stil ta' mużika wieħed, iżda qassmu l-post bi stili differenti ta' mużika biex jolqtu l-gosti ta' kulħadd. Din kienet ideali għal dawk il-persuni li riedu jiddevertu permezz ta' stili differenti, filwaqt li ma joħorgux barra mill-post. Xi *parties* għażlu wkoll li jkunu nnovattivi billi għażlu l-post tal-*party* tagħhom lejn in-naħa t'isfel ta' Malta, u diversi apprezzaw din l-għażla nnvoattiva peress li s-soltu iżjed imdorrijin naraw *parties* lejn in-naħa ta' fuq ta' gżiritna.

Wiehed ma' jistax ukoll ma jsemmix l-avveniment li sar fit-Tokk, ir-Rabat Għawdex, li kien fuq livell mini-Nazzjonali, bil-Wintermoods, diversi artisti u DJ's oħra jaħmlu spettaklu fil-pubbliku. Attivita` bħal din assigurat spettaklu għal kull eta`, bi stennija għas-sena l-ġdida. Bħas-soltu, il-Pulizija, t-timijiet ta' l-Emergenza u l-Ambulanzi kienu kullimkien mal-lejl, bit-tama li ma jkollhomx għalfejn ikunu msejħa!

Pero` min-naħa l-oħra, ħafna nies diġa bdew jibagħtu l-ilmenti tagħhom lill-gazzetti dwar l-esperjenzi diżappuntanti f'xi *New Year's Parties*. Biex nagħtu eżempju, fil-party li sar fil-Caraffa Vaults il-Birgu, diversi persuni ghamlu l-ilmenti tagħhom waqt u wara l-party. Kien jidher illi s-sigurta` ma kienetx stretta f'dan il-party għaliex kien hemm *cables* u *wires* jiġru mas-saqajn tal-folla. *Wires* u *cables* oħra kienu mdendlin mis-saqaf, b'riskju illi persuna setgħet kieku riedet tgħolli idejha u tiġbed liema *wire* trid. Kien hemm turija ta' diżappunt enormi fejn daħlet il-kwistjoni ta' l-iffular. Bl-Ingliż inħobbu ngħidu *overcrowded*, u hekk hu. Il-post kien *overcrowded*, tant illi kien hemm persuni illi riedu joħorġu mill-istabbiliment u ma setgħux daqs kemm kien hemm nies. Meta rnexxielhom joħorgu, huma ma reġgħux daħlu lura; bil-biża' li jerġgħu jgħaddu minn dik l-esperjenza frustranti u anke perikoluża. Xi whud mill-persuni illi kellhom il-biljetti ma setgħux jidħlu ġewwa anke waqt il-ħinijiet tal-*countdown* minħabba l-fatt li l-post kien diġa` mimli bin-nies. Oħrajn daħlu mingħajr ma wrew il-biljett tagħhom lis-*security* li kien hemm fil-bibien. Huma diversi l-persuni li għad għandhom il-biljett sħiħ id-dar, għaliex *is-security* ma qatgħux u ma ċċekkjawx il-biljetti. Hawnhekk wieħed għandu jieqaf u jaħseb jekk kienx hemm persuni li daħlu u ma xtrawx il-biljett u forsi din setgħet kienet waħda mir-raġunijiet għaliex il post kien daqshekk iffullat.

L-*extractors* (jekk kienu preżenti), ma kienux effettivi. It-twieqi kienu miftuħa għal ftit ventilazzjoni, iżda dan ma kienx biżżejjed u effettiv, anke minħabba l-fatt li kien hemm persuni ġewwa li bdew ipejpu s-sigaretti u s-sigarri. Il-persuni tas-*security* ma kienux jintgħarfu minħabba l-fatt illi ma kellhomx uniformi u kienu bl-iswed. Wieħed jimmaġina illi f'okkażżjoni bħal din, il-kulur li jispikka mal-klijenti tal-*parties* huwa l-kulur l-iswed, u għalhekk, kien diffiċli li jintgħarfu. Kien ikun aħjar kieku libsu xi tip ta' uniformi li permezz tagħha wieħed ikun jista faċilment jagħrafhom jekk ikollu bżonn xi għajnuna mingħand *is-security.* Ħaġa oħra li kien hemm xi tgergir dwarha kien il-fatt illi xi whud ħassew taqtir minn xi forma ta' likwidu jaqa` għal fuqhom. Mid-dehra, kien hemm xi art magħmulha mill-injam, u dawk li kienu taħtha bdew iħossu dan il-likwidu (li probabbli kien alkohol li bdiet twaqqa' il-folla ta'

flimkien
glas-servizz

fuqhom) jaqa' fuqhom. Nimmaġina li ma kienetx xi esperjenza sabiħa għal dawk li kellhom *blowdry* ġo xagħarhom jew li xtraw xi *suit* jew *coat* gdida għall-okkażżjoni. Pero wieħed għandu jistaqsi jekk kienetx ħaġa ideali għal dawk illi kienu fuq din l-art jew taħtha, li jkollok art magħmulha mill-injam meta il-kamra kienet iffullata bin-nies. Fil-*countdown*, kien hemm konfużjoni kbira għaliex ma kienx hemm *countdown* uffiċjali. Xi whud bdew jiċċelebraw il-bidu tas-sena l-ġdida, ftit mumenti wara li oħrajn kienu ġa ċċelebbrawha – u dawn kienu fl-istess kamra.

Il-Party ta' Steve Caesar ġewwa il-*Melita Gardens,* Balzan iddiżappunta lil xi whud ukoll. Hawnhekk ukoll, il-*countdown* uffiċjali ma sarx u ħafna ħassew illi kieku sar *countdown* flimkien, kien jgħin biex il-*party* jidħol fil-milja tiegħu. Pero' anke li kieku għamlu l-*countdown*, il-folla kellha biss siegħa biex tgawdi s-sena l-ġdida fil-*party,* għaliex il-*party* spiċċa fi 1am. Hawnhekk tajjeb ngħidu illi Ħal Balzan huwa post residenzjali, u huwa tajjeb illi jkun hemm limitu ta' storbju f'ċertu ħin b'rispett tar-residenti. Pero' l-klijenti ma kienu avżati bl-ebda mod illi l-party kien ser jispiċċa fis- 1am, meta dan il-ħin għal xi whud huwa l-bidu tal-qofol tal-party. Dawn il-persuni għalhekk ma ħassewhomx sodisfatti, kemm min-naħa tal-pjaċir u kemm min-naħa finanzjarja. Dan il-*party* ma kienx *open bar*, u għalhekk ta' min ifaħħar lil dawn l-organiżżaturi ta' din l-inizjattiva.

Persuni oħrajn fil-*party* ta' DJ Ruby fil-*Monte Kristo Wine Vaults* ġewwa Ħal Farruġ qalu illi l-post magħżul ma kienx addattat għall-ammont ta' nies illi kien hemm. Huma qalu illi għal dak l-ammont ta' persuni fil-folla, kien hemm biss żewġ *toilets* għal kull sess. Kien hemm persuni illi ma felħux jistennew iżjed fil-*queue* għat-*toilets* u li kellhom ukoll xi argumenti bil-kliem mas-*security*. Minħabba din l-istennija twila fil-*queue* kien hemm ukoll min 'għamel' il-bżonnijiet naturali fejn ħass li għandu jagħmel dan. F'dan il-*party* wkoll, xi whud mil-biljetti ma ġewx iċċekkjati u kien hemm persuni illi marru lura d-dar bil-biljett f'idhom bħalma kienu xtrawh. Ħaġa ta' min forsi jitbissem fuqha hija il-fatt illi l-għada xi whud minn dawk li kienu diżappuntati bil-party, marru fuq il-websajt ta' DJ Ruby u wrew id-diżappunt tagħhom għal dan il-*party* fuq il-*message-board* tal-websajt. Ftit siegħat wara, il-*link* tal-*message board* ma kienetx qed tiffunzjona aktar!  Xi ħaġa ġdida illi ppruvaw joħolqu f'dan il-*party*, kien xi forma ta' *fireworks,* pero' ta' min wieħed jistaqsi jekk din kienetx ħaġa tajba meta kien hemm tant iffullar fil-post minħabba xi periklu li seta' jinqala'. Wieħed pero' għandu jfaħħar ukoll il-fatt li dan il-*party* wkoll ma kienx *open bar.*

*MTV and Uniting Nations* kien imfaħħar ħafna għall-prezzijiet raġonevoli tad-*drinks* u tal-fatt li ma kienx *openbar*. Pero' bil-*promotion* qawwija illi kellu dan il-*party*, xi persuni ħassew illi l-grupp *Uniting Nations* seta' ta aktar spettaklu! Dan il-grupp daqq żewġ diski biss minn tiegħu u l-kantant prinċipali ma kienx preżenti. Id-DJ daqq l-istess diski darbtejn jew aktar fi spazju ta' tliet siegħat, u għalhekk forsi id-DJ kellu għażla ftit limitata. Għalhekk, għall-ammont ta' flus li ħallsu, xi wħud stennew iżjed varjeta` mid-DJ u mill-mistiedna tas-serata, *Uniting Nations.* Punt pożittiv f'dan il-*party* kien il-fatt li l-*cloakroom* kienet organizzata tajjeb ħafna, u l-faċilitajiet tat-*toilets* kienu tajbin ħafna wkoll, u dan ġie apprezzat min-naħa ta' dawk li attendew il-*party.*

Iżda x'inhuma is-suġġerimenti u l-alternattivi? Dawn id-diżappunti donnhom qiedgħin isiru kull sena. Fil-passat, smajna b' *coats* fi *cloakrooms* jintilfu, bejgħ żejjed ta' biljetti, *arenas* u *venues* illi huma ffullati żżejjed u donnu xejn ma jinbidel. Wieħed għandu jistaqsi; hemm xi forma ta' awtorita' illi tagħmel xi forma ta' inspezzjoni f'dawn il-*parties*? U jekk mhemmx, ma taħsbux li wasal iż-żmien illi jkun hawn? Għandna bżonn forma ta' awtorita' illi mhux biss tifforma r-regoli tas-saħħa u s-sigurta` għal dawn l-

flimkien
glas-servizz

Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ

492 flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, HMR 18, M
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.o

avvenimenti, iżda illi tassigura li jkun hemm inspezzjoni għal kummerċ ġust. Għandna bżonn bord li jagħmel set ta' regoli u *standards* għal dawn il-parties. L-inspezzjonijiet għandhom isiru:

1. Meta l-organizzaturi jagħmlu t-talba biex jorganizzaw l-avveniment. L-ispezzjoni għandha tinkludi studju jekk il-post propost mill-organizzaturi huwiex *up to standard* u addattat għall-ammont ta' biljetti illi l-organizzaturi bi ħsiebhom ibiegħu. Għandhom isiru spezzjonijiet fuq il-post, biex wieħed jara jekk hemmx ħruġ ta' sigurta` u ħruġ tajbin biżżejjed f'każ ta' emerġenza.
2. Meta issir l-approvazzjoni mill-bord dwar il-post u l-*party*, dawk li jagħmlu l-ispezzjoni u l-organizzaturi għandhom ikunu ċerti illi waqt illi d-dawl, *bars* eċċ qiedgħdin jiġu installati, ir-regolamenti u l-*istandards* ikunu qiegħdin jiġu rispettati. L-ispetturi għandhom ikunu ċerti illi l-organizzaturi spjegaw lill-*istaff* tagħhom x'għandhom jagħmlu f'każ ta' emerġenza bħal nar. Dawk li jagħmlu l-ispezzjoni għandhom ikunu ċerti illi l-ħruġ ta' sigurta` u s-sinjali tagħhom huma ċari u viżibbli. Għandhom ikunu ċerti illi hemm biżżejjed faċilitajiet ta' *toilets.*
3. Wieħed għandu jistenna illi jkun hemm ukoll ispezzjonijiet fil-ħin tal-*party* flimkien ma' l-organizzaturi biex ikunu ċerti li kollox għaddej tajjeb u li l-affarijiet huma *up to standard* biex jekk ikun hemm xi lmenti wara l-*party* mill-klijenti, wieħed ikun jista' jiċħad jew jaċċetta dan l-ilment. Jekk il-*parties* ma jilħqux xi wħud mill-*istandards*, għandhom jiddiskutuwha mal-organizzaturi u jaraw jekk hemmx xi piena finanzjarja minħabba l-fatt illi ma obdewx dawn l-*istandards.*

Alternattiva u suġġeriment ieħor hu li jsir xi avveniment nazzjonali għall-okkazzjoni ta' l-ewwel tas-sena sabiex il-Maltin u l-Għawdxin illi mhumiex jattendu dawn il-*parties*, ikollhom fejn jiċċelebraw ukoll. Ta' min jgħid illi jekk nieħdu in-Notte Bianca bħala eżempju, din kienet ta' suċċess enormi bir-rispons qawwi tal-pubbliku u għalhekk wieħed jistenna u jixtieq li ssir xi ħaġa simili għall-ewwel tas-sena. Infatti kif għedna l-ewwel, ġo Għawdex sar dan it-tip ta' avveniment illi kien ta' suċċess kbir.

Il-Konklużjoni tagħna hija din. M'aħniex qiegħdin nipproponu *boycott* kontra dawn il-*parties.* M'aħniex nippruvaw noħolqu kompetizzjoni kontra l-organizzaturi tagħhom. Kulma nixtiequ hu ambjent sigur li fih ikun hemm spettaklu u pjaċir kif ukoll b'*value for money.* Minkejja l-kritika li semmejna, tajjeb wieħed ifaħħar l-isforz li dawn l-organizzaturi jagħmlu biex jissodisfaw il-klijenti tagħhom. Kulma qed nagħmlu huwa li nuru x'mar ħazin, insemmgħu leħen il-klijenti billi ngħidu xi stennew, ma' xiex ma qablux u x'jistennew mill-*events* u l-*parties* tal-futur mill-organizzaturi rispettivi. Din hija opportunita` tad-deheb fejn il-konsumatur juri illi s-suċċess ta' l-organizzaturi għall-avvenimenti li jmiss huwa mibni fuq ir-rispons u l-feedback ta' l-istess konsumatur: kemm jekk pożittiv kif ukoll jekk negattiv.

Fr. Savio Vella SDB
Direttur KDŻ

Stephen Compagno
Għall-KDŻ

flimkien
glas-servizz